31989R3482

22.11.1989 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 338/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3482/89 ta' l-20 ta' Novembru 1989 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIOET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3469/89 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi, sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura komuni annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ippreskriva r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura komuni u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjonijiet addizzjonali magħha u li hija stabbilita permezz ta' disposizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan li jiġu applikati tariffi jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fl-ewwel kolonna tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti jridu jiġu klassifikati skond il-kodiċi NM propizji indikati fil-kolonna 2, għar-raġunijiet imsemmija fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri provduti minn dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fl-ewwel kolonna 1 tat-tabella annessa issa huma klassifikati fin-nomenklatura komuni skond il-kodiċi NM propizji ndikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-20 ta' Novembru 1989.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, tal-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 337, tal-21.11.1989, p. 5.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni tal-Kodiċi NM	Raġunijiet
1	2	3
1. Il-ġnub tal-lemin jew tax-xellug ta' bakkaljaw immellaħ, mingħajr ir-ras, ix-xewka tad-dahar, galġi jew imsaren, bil-ġilda u x-xewk (*epipleuralis*), imma mingħajr ebda xewk ieħor, magħrufa bħala flettijiet *standard*	0305 30 90	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita skond id-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura komuni u permezz tal-kliem tal-kodiċi NM 0305, 0305 30 u 0305 30 90. Il-prodott għandu jitqies bħala flett skond it-tifsira tan-noti spjegatorji tal-kodiċi NM 0305 30 11 sa 0305 30 90 u 0304 20 11 sa 0304 20 99, it-tieni paragrafu
2. Preparazzjoni ta' ikel li jkun fiha: — 99,2 % zokkor tal-kannammieli — 0,6 % aspartame — 0,2 % acesulphame K Il-prodott jiġi ppreżentat bħala kaxxi żgħar u użat bħala sustanza ħelwa għad-dieti	2106 90 99	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita skond id-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura komuni u permezz tal-kliem tal-kodiċi NM 2106, 2106 90 u 2106 90 99. Minħabba l-potenzjal għoli tà ħlewwa tas-sustanzi ħelwin sintetiċi li jinsabu fil-prodott, il-prodott tilef il-karattru taz-zokkor tal-Kodiċi NM 1701 u jiġi klassifikat bħala preparazzjoni ta' l-ikel (ara wkoll n-noti spjegatorji HS, titolu 2106, it-tieni subparagrafu, punt 10)